

Brussell, 24 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15911/23

FIN 1225
INST 471
PE-L 43

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15155/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023

1. Fis-7 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 19/2023, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

Kif irreġistrat fid-dokument 15155/23, l-għan ta' din il-proposta huwa t-trasferiment tal-ammont ta':

- (a) EUR 15-il miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) mill-Artikolu 11 10 01 (*Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)*) għall-Artikolu 10 02 01 (*Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni*);

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

- (b) EUR 5 miljun f'appropriazzjonijiet ta' pagament (a/p) mill-Partita 06 02 99 01 (*Tlestija tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali - Assistenza teknika operazzjonali trasferita mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK) (qabel l-2021)*) għall-Partita 07 03 01 01 (*Il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi u tal-gruppi, u l-kooperazzjoni, l-inklużjoni u l-ekwità, l-eċċellenza, il-kreattività u l-innovazzjoni fil-livell ta' organizzazzjonijiet u politiki fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ - Ġestjoni indiretta*); u
- (c) EUR 0.84 miljun kemm f'a/i kif ukoll f'a/p mill-Artikolu 30 02 02 (*Appropriazzjonijiet differenzjati*) għall-Artikolu 02 03 02 (*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) — Enerġija*).

2. It-trasferiment qed jiġi propost sabiex:

- (a) tissaħħaħ il-Faċilità Tematika tal-AMIF, fost l-oħrajn, minħabba ż-żidiet sinifikanti fil-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri tul ir-rotta tal-Mediterran Ċentrali, b'mod partikolari mit-Tuneżija, u tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent;
- (b) ikopru pagamenti lill-Aġenziji Nazzjonali taħt il-programm Erasmus+, li issa qed jiffaċċjaw ħtiġijiet finanzjarji u livelli ta' prefinanzjament ogħla minn dawk inizjalment previsti, li jindika aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni għal azzjonijiet taħt ġestjoni indiretta;
- (c) tiġi trasferita ż-żieda fil-baġit għall-ACER, li tqiegħdet fir-riżerva, lura għal-linja baġitarja tal-FNE – Enerġija fin-nuqqas tal-adozzjoni tar-Regolament dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu li inizjalment kien ippjanat li jiġi adottat sa tmiem l-2023.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Novembru 2023.

4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 15155/23; u
- l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal din in-nota.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(4) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, nixtieq
ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 19/2023 fit-
Taqsimi III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola ta' għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).